## IT-TREJQA

Hemm triq żgħira qalb l-egħlieqi,
Illi biha naf biss jien,
Trejqa dejqa, mħattba u twila,
Li ma tieħu għal imkien.

Iżd'hekk int issib dit trejqa,
Tista' tgħid li int sirt għani
Għax titilqek ġo wied ċkejken
Xemxi, ġwejjed u ħadrani.

Hawnhekk int issib il-faraġ
Li ma hemmx qalb il-bnedmin,
Min hawnhekk il-għied u l-għira
Huma għal dejjem mifrudin.

Tisma' biss il-garr tan-naħal
Fuq il-plejju u l-peprin,
Tara biss il-ħdura tmewweġ
Taħt smewwiet sbieħ, kaħlanin.

Fittex, ħija, din it-trejqa
Li mill-jasar se tifdik.
Kulħadd hu jeħtieġ li jsibha
Ħadd ma jista' jfittxha għalik.

Ħalli l-boloh jieħdu t-toroq
Illi jinfdu għal x'imkien.
Għalija w għalik it-trejqa
Li ma tieħu għal imkien.

Manuel Agius


# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | ĠUNJU 1942


## L-ISTATWA TA' KRISTU RE *

Ftit ilu, wara air-raid aħrax, kont ħiereġ mill-Belt u meta wasalt ħdejn l-Istatwa ta' Kristu Re lmaħt ħerba li twaħħax u tkexkixt għall-ħsara li rajt quddiem għajnejja: kullimkien ħofor ta' balal u daqqiet ta' laqx u bini mġarraf u għaram ta' ġebel u siġar imqaċċtin u toroq maqlugħin; ħamrija mxerrda, għabra ma' kullimkien, sħaba ta' trabijiet u riħa ta' kubrit – dehra ta' qilla li tkexkex, daqqa ta' għajn li twaħħax. Qalbi ngħafset minn dwejjaq li ma bħalhom u ħassejtni miblugħ, imdejjaq, għajjien u bla ħeġġa; iżda mbagħad ħarist lejn l-Istatwa ta' Kristu u minnufih qalbi staħjiet b'fewġa ta' sabar, xegħlet bin-nar tat-tama u tqawwiet bil-ħila. F'nofs dik il-ħerba kollha, rajt li Kristu baqa' bħal ma kien, miexi 'l quddiem, qisu ma kien ġara xejn, bi ħlewwa li tgħaxxaq tiddi fi ħbub għajnejh u bixra ta' mogħdrija li ma tintemm qatt, lejn id-dinja u l-bnedmin. Tfarraġt u ħassejt tferfira ta' hena tiġri ma' ġismi kollu u tqanqila ta' ferħ isserraħli 'l ruħi. Għidt bejni u bejn ruħi: "Għax ma nixxiebahx Lilu?" Ħalli tagħdab il-qilla tal-bnedmin; ħalli jagħfsu l-ħerba u l-biża'; ħalli jħabbat il-baħar, imissni nibqa' għaddej dritt bħal ma baqa' għaddej Kristu u jmissni nibqa' nilħaq max-xogħol tiegħi kif Hu donnu jrid igħallimni b'dik it-turija kiebja Tiegħu.

* L-ewwel taqsima ta' dan l-Artiklu titkellem dwar il-Monument ta' Kristu Re li hemm barra Putirjal, u fiha wieħed isib xbihat u ħsebijiet li jixbħu mhux ftit lil xi dehriet u ħsebijiet kif ġew imfissra mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fl-aħħar paragrafu ta' taħdita li hu għamel minn fuq ir-Rediffussion nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju, 1942. F'għeb il-ħaqq u s-sewwa rrid ingħid li Dr. Ġużè Galea lesta dan l-artiklu u tahuli iżjed minn xahrejn qabel ma saret din it-taħdita. (Nota ta' l-Asst. Direttur).